MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Numru. 435/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**PAUL LUGHERMO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Lughermo ta’ 57 sena, bin Dominic u Lydia nee’ Brincat, mwieled Valletta fil- 25 ta’ Awwissu 1955, residenti 47, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 616155M;

Talli ;

1) F’ Jannar 2011 u fil- gimghat u x- xhur ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin b’ rizoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’

ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sbiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sbiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' €11,000 ghad- detriment ta' Emanuel Cutajar detentur tal- Karta tal- Identita' 62967M;

2) U aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe s-somma ta' €11,000 ghad- detriment ta' Emanuel Cutajar detentur tal- Karta tal- Identita' 62967M;

3) Aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi uza' vjolenza jew ikkaguna biza' li kienet se tintuza' vjolenza sabiex igieghel lil Emanuel Cutajar jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga b' tali mod li wasal fi hsiebu meta gieghel lil Emanuel Cutajar matul il- perjodu taz-zmien jigbed is- somma totali ta' €11,000 mill- bank BOV u jaghithomlu;

4) Aktar talli sar recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 16 ta' Frar, 2012, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli li tahthom kellu jigi gudikat l-imputat ghal dan ir-reat;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti, wara li nqraw l-Artikoli ndikati;

Rat is-sottomissjonijiet tad-difiza, u semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz fuq il-provi hekk migjuba;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien ghamel hbieb ma' certu Emmanuele Cutajar min-Naxxar, persuna li tbati minn kundizzjoni mentali. Fis-sajf tas-sena 2010, l-imputat beda jissellef ammonti ta' flus minn ghand Cutajar, b'mod li anke kien imur wara l-bieb tad-dar tieghu u jgieghelu johrog mid-dar u jmur il-bank sabiex jigbed il-flus u jaghtihomlu. Dan l-istst ta' fatt dam madwar xaharejn, fejn l-imputat ha madwar hdax-il elf Ewro (€11,000) mill-kont bankarju ta' Cutajar. Kien biss meta l-istess Cutajar tkellem ma' "social worker" tieghu li din l-istorja harget fil-berah. Sar rapport lill-Pulizija, u wara li tlestiet l-investigazzjoni taghhom tressaq l-imputat bl-akkuzi odjerni.

Mill-provi prodotti jidher inkontestat li l-imputat effettivament ha dawn il-flus, ghalkemm fit-trattazzjoni tad-difiza jallega li l-ammont kien ftit anqas minn dak indikat, izda prova ta' hekk ma gietx prodotta. L-imputat tramite l-avukat difensur tieghu jghid li hu ssellef il-flus minn ghand Cutajar bl-intenzjoni li jroddhom lura, izda ma kellu ebda terminu miftiehem mieghu, u ghaldaqstant kienu jipprevalu r-regoli tas-self *brevi manu* skond il-ligi civili. Ghalhekk, il-kontestazzjoni tad-difiza kienet biss li l-imputat issellef dawk il-flus minghand Cutajar bl-intenzjoni li jroddhom lura lilu, u ghalhekk isostni li hu m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi diversi xhieda u dokumenti. L-Ispettur Maurice Curmi xehed u ta r-retroxena kollha tal-kaz, u esebixxa numru ta' dokumenti in sostenn tal-mertu. Fost dawn id-dokumenti hemm l-istqarrija tal-imputat moghtija quddiem l-istess Ufficjal Prosekutur, il-kwerela mibghuta minn Emmanuele Cutajar, u dokument li juri li l-imputat kien xtara mutur Piaggio f'Lulju 2010, ghall-prezz ta' elfejn u erba' mitt

Ewro (€2,400) imhallsa fi flus kontanti. Xehed Emmanuele Cutajar, li b’diffikulta’ spjega li l-imputat kien talbu jaghtih xi flus, u fuq medda ta’ xaharejn spicca biex tah madwar hdax-il elf Ewro, hekk kif indikat fic-citazzjoni. Dan jirrisulta wkoll mid-dokument tal-kont bankarju esebit fl-atti.

Xehed ukoll it-tabib kuranti tieghu, Dr Joe Vella Baldacchino, li spjega l-kundizzjoni medika ta’ Cutajar. Hu qal li Cutajar kellu “learning disability” li kienet thallih jigi facilment sfruttat minn terzi. Qal li Cutajar kien jinzamm l-Isptar Monte Carmeli ghall-osservazzjoni, u meta kien tajjeb biex johrog, kien sablu residenza fejn seta’ jghix aktar indipendenti. Xehdet ukoll is-“social worker” ta’ Cutajar, Kristiana Farrugia, li kkonfermat li Cutajar kien facilment jafda n-nies u jigi sfruttat minnhom, u ghalhekk huma kienu jiehdu hsiebu w jattendu l-flat tieghu perjodikament biex jaraw kif kien sejjer. Kienet hi li saret taf b’din l-istorja, li Cutajar kien ta somma flus konsiderevoli lill-imputat.

L-imputat ghazel li ma jixhedx, u fl-istqarrija esebita fl-atti kien ghazel ukoll li ma jwiegeb ghal ebda domanda li saritlu. Ghalhekk il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma kienux kontradetti jew kontestati.

Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tikkonsidra l-imputazzjonijiet, u jekk dawn irrisultawx ippruvati jew le.

Jibda biex jinghad li l-addebitu tar-recidiva ma tirrisultax. Ma giet esebita ebda sentenza f’ dan ir-rigward, u ghalhekk l-imputat ser jig lliberat minnha. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, din ukoll ma tirrisultax ippruvata, peress illi sabiex tirrisulta l-biza’ li ser tintuza vjolenza, ai termini tal-Artikoli 251 u 251B, trid tintwera li hemm dak li jissejjah “course of conduct”, apparti li jrid ikun hemm theddid reali. Mill-provi prodotti ma jidherx li kien hemm xi forma ta’ theddid fil-veru sens tal-kelma, u ghalhekk din l-imputazzjoni wkoll ma tirrisultax ippruvata.

Nigu ghalhekk ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, li huma alternattiva ghal xulxin. Il-Qorti trid tara jekk il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jinkwadrawx taht l-imputazzjoni

ta’ frodi, jew taht dik tal-misapproprjazzjoni, jew addirittura jekk ma jinkwadraw taht l-ebda kap ta’ reat, f’liema kaz l-imputat ikollu jigi liberat. Minkejja li l-imputat ma xehedx, hu qajjem difiza akkurata tramite l-avukat difensur tieghu, Dr Kenneth Cutajar. Id-difiza argumentat, fin-nota ta’ sottomissjonijiet estensiva taghha, li l-imputat kellu jigi liberat minn dawn l-akkuzi kollha. Il-Qorti gia’ ttrattat it-tielet imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva, ghalhekk jonqos biss iz-zewg imputazzjonijiet ewlenin.

Mill-fatti kif jirrisultaw lill-Qorti, jekk hemm reat fl-azzjoni tal-imputat, dan ma jistax jinkwadra taht ir-reat ta’ misapproprjazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, Cutajar ma ghaddiex il-flus lil Lughermo biex dan jaghmel xi haga bihom, u minnflok ghamel xi hag’ohra. Il-flus inghataw lill-imputat b’mod liberu, u ghal ebda skop specifiku. Jifdal ghalhekk ir-reat ta’ frodi, sew dak bir-raggiri kif ukoll ir-reat minuri izda kompriz u involut ta’ frodi innominat. L-agir tal-imputat kien wiehed semplici ghall-ahhar. Hu kien habib ta’ Emmanuele Cutajar, u kien rebah il-fiducja tieghu, haga li kif jirrisulta mix-xiehda ma kienetx xi haga difficli. Gara li bejn Gunju u Lulju 2010, l-imputat beda jitlob ammonti ta’ flus lil Cutajar. U dan kien semplicement jaqbad u jaghtihomlu. F’dawn ix-xaharejn l-imputat ha somma ta’ madwar €11,000. Hija evidenti ferm mix-xiehda tat-tabib Vella Baldacchino u dik ta’ Kristiana Farrugia, kif ukoll dik tal-istess parti leza, li Cutajar hu bniedem vulnerabbli hafna. Huwa evidenti li l-imputat approfitta ruhu minn din il-vulnerabilita’ ta’ Cutajar, u ha l-flus minghajr ebda hsieb li jroddhom lura. Dan qed jinghad ghax li kieku kien hekk, l-aktar haga facli li jghid l-imputat kien li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu fl-istqarrija tieghu, jew li jixhed quddiem din il-Qorti. Li kieku ghamel hekk, kien almenu jindika jekk kienx hemm ftehim li jrodd dawn il-flus lura lil Cutajar, jew almenu kellux il-hsieb li jroddhom lura. Huwa minnu li l-imputat ghandu kull dritt jibqa’ sieket f’kull mument tal-procedura kriminali, izda b’din il-pozizzjoni li ghazel li jiehu l-Qorti m’ghandhiex il-verzjoni tieghu biex tikkontraddici l-verzjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni. Fl-assenza tal-verzjoni tal-imputat, il-Qorti tista’ biss tiehu dik tal-Prosekuzzjoni, li fil-verita’ tidher verzjoni kredibbli u plawsibbli, u timxi fuqha. Il-Qorti

ghalhekk qed tasal ghall-konkluzjoni logika li l-imputat kellu kull intenzjoni li jaghmel qligh minn Cutajar billi jqarraq bih u japprofitta ruhu mill-fatt li Cutajar kien bniedem semplici fil-hsieb tieghu, persuna bla hazen u vulnerabbli. Mill-provi ma jidherx li kien hemm xi raggiri jew artifizji fl-imgieba tal-imputat fil-konfront ta' Cutajar, izda jirrisulta ampjament li l-agir tieghu kien qarrieqi. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jinkwadra ruhu fir-reat minuri izda kompriz u involut tal-frodi innominat. L-imputat ha vantagg mill-genwinita' u nuqqas ta' hazen ta' Cutajar billi, b'hazen gieghel lil Cutajar jaghtih ammonti ta' flus.

Ghalhekk, il-Qorti qed tikkonkludi li l-imputat huwa hati ta' frodi taht l-Artikolu 309 tal-Kap 9, u ghandu jinghata l-piena ghal dan ir-reat. Ghalkemm ma hemmx l-addebitu tar-recidiva, il-fedina penali tal-imputat turi li m'huwiex wiehed li qatt ma rifes l-ghatba tal-Qorti, u ghalhekk ma jistax jitqies bhala xi "first time offender" li ghamel zball darba. Il-piena li sejra tinghata lill-imputat hija dik ta' prigunerija effettiva, tenut kont ukoll tal-aggravanti ta' reat kontinwat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 251, 251B, 17, 18, 49, 50 u 141 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin prigunerija.
Tastjeni mit- tieni (2) akkuza, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel.
Fl-ahhar ma ssibx lill- imputat hati tat- tielet (3) u r- raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------